FIT - TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

## GUDIKATUR: DR JOSEPH REFALO LL.D. Adv.Trib.Eccl.Melit,

## Seduta ta' nhar il-Gimgha, 30 ta' Novembru, 2001

**Numru 4**

**Avviz numru 1293/01JR**

**Emmanuel Delicata & Sons Limited**

**vs**

**Jonathan Grima**

**It-Tribunal,**

**Ra l-avviz fl-ismijiet premessi prezentat mis-socjeta` attrici fil-25 ta' Ottubru, 2001, fejn intalab il-hlas ta' elf u mitt lira Maltija (Lm1100.00), u fejn intqal:**

1. **Illi s-socjeta` attrici hija kreditrici tal-konvenut fis-somma ta' elf u mitt lira Maltija (Lm1100.00) liema somma hija dovuta a tenur ta' skrittura datata sebgha u ghoxrin (27) t'Awissu, 2001, annessa ma' l-avviz u mmarkata Dokument "A";**
2. **Illi minkejja interpellat ihallas dan l-ammont il-konvenut baqa' nadempjenti;**

3. **Jghid ghalhekk il-konvenut ghaliex ghar-ragunijiet fuq premessi m'ghandux it-Tribunal jikkundanna lill-konvenut ihallas lis-socjeta` attrici s-somma ta' elf u mitt lira Maltija dovuta kif fuq inghad;**

**Bl-ispejjez komprizi dawk tal-Mandat ta' Qbid Nru. 2711/01 u bl-imghaxijiet kontra l-konvenut ingunt biex jidher ghas-subizzjoni.**

**Ra li l-konvenut deher fis-seduta tat-23 ta' Novembru, 2001, u ammetta t-talba.**

**Ghaldaqstant it-Tribunal fuq ammissjoni jikkundanna lill-konvenut ihallas lis-socjeta` attrici s-somma ta' elf u mitt lira Maltija (Lm1100.00) bl-imghaxijiet legali mill-25 ta' Ottubru, 2001.**

**L-ispejjez ta' dina l-istanza ghandhom jigu sopportati interament mill-konvenut skond il-Ligi.**

**Avv Joseph Refalo**
**GUDIKATUR**